C/2024/6588

25.10.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

(C/2024/6588)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Rafael Ramón BLANCO MARRERO (Nru 20), is-Sur Elvis Eduardo HIDROBO AMOROSO (Nru 29), is-Sur Remigio CEBALLOS ICHASO (Nru 37) u s-Sur Jesús Emilio VÁSQUEZ QUINTERO (Nru 52), persuni li jidhru fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 [1] u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm fis-seħħ id-deżinjazzjoni tal-persuni msemmija hawn fuq inkluż restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati.

Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet prevista għad-deżinjazzjoni tagħhom, qabel **4 ta' Novembru 2024**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 295 14.11.2017, p. 60
[2] ĠU L 295 14.11.2017, p. 21